V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8690 — TDR Capital LLP/Rossini Holding SAS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 413/07)

1. Fis-27 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TDR Capital LLP (ir-Renju Unit)

— Rossini Holding SAS (Franza)

TDR Capital LLP takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Rossini Holding SAS permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal TDR Capital LLP: kumpanija ta' ekwità privata li tinvesti f'setturi li jinkludu l-bejgħ ta' karburanti tal-vetturi bl-imnut, gyms u klabbs tas-saħħa, ħasil ta' karozzi bil-conveyor, servizzi ta' proprjetà vakanti, servizzi ta' rinnovazzjoni ta' djar soċjali tar-Renju Unit, kostruzzjoni modulari, pubs u ristoranti, xiri ta' dejn, ritorn tal-pallets loġistiċi, trasport kostali, assigurazzjoni fuq il-ħajja u prodotti ta' introjtu tal-irtirar tar-Renju Unit.

— għal Rossini Holding SAS: tħaddem u tagħmel franchise parzjalment ta' katina ta' ristoranti bil-marka Buffalo Grill.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.8690 — TDR Capital LLP/Rossini Holdings SAS, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.